MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Numru. 250/2005

Il-Pulizija
(Spettur Carmelo Magri)
vs
David Sarcia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi David Sarcia, detentur tal-karta ta' l-identita numru 238282 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'xi gurnata matul ix-xahar ta' Jannar, 2005, xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Fuq ammissjoni, wara illi l-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni u tatu zmien xieraq sabiex jahsibha, izda l-imputat insista li ried jirregistra ammissjoni;

Issibu hati, wara illi rat l-Artikolu 334 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-hati ghandu fedina penali netta hlief ghal kaz wiehed ta’ ksur tar-regolamenti tat-traffiku, kif ukoll ix-xhieda illi ta l-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi l-hati ikkopera ferm mieghu u mal-ewwel irritorna l-oggett misruq;

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll l-ammissjoni bikrija tal-hati. F’dawn ic-cirkostanzi, piena karcerarja mhix idonea ghall-akkadut u ghalhekk wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 226 tilliberah bil-konsegwenza li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar millum.

Il-Qorti tiddikjara illi spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------